**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, il-31 ta' Ottubru 2024**

**IL-PULIZIJA**
**-vs-**
**ALBLAS CHLACH**
**(Karta tal-identita' 0101312A)**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Alblas Chlach**, imwieled fis-Sirja nhar l-1 ta' Jannar 1991, residenti gewwa 33, St. Joseph, Triq Hal Saflieni, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0101312A, akkuzat talli nhar is-26 ta' Frar 2023 bejn it-14:48Hrs u s-17:50Hrs kif ukoll nhar il-5 ta' Marzu 2023 ghall-12:05Hrs, gewwa Ghar Lapsi, fil-Limiti tas-Siggiewi;

1. B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta' l-Art 18 Kap. 9.

2. Iddepozita, waqqa', qieghed jew xehet trab, hmieg, karta, rmied, cikka ta' sigarett, zibel, kaxxa, bittija jew kull artiklu iehor jew haga ohra f'xi post pubbiku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, liema depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b'ligi u bi ksur L.S. 549.40 Reg. 4, 10(1).

3. Rema' jew iddepozita kwalunkwe oggett jew materjal elenkat fi Skeda 2 fi kwalunkwe post pubbliku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access meta ma kienx awtorizat b'ligi u bi ksur L.S. 549.40 Reg 4A, 10(4)(D)

4. Hadd ma jista' jiddepozita jew ihalli f'xi triq jew post pubbliku xi recipjent taz-zibel, borza, kaxxa wzata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew recipjent iehor jew xi karta, tiben jew materjal iehor uzat ghall-ipparkjar, sabiex jigu migbura, qrib laned taz-zibel, skips, jew recipjenti ohra li qeghdin f'post pubbliku ghal-uzu pubbliku jew provat u awtorizzati skont il-ligi u dan bi kusr ta' L.S. 549.40 Reg. 5(2), Reg 10(1).

5. Fl-istess cirkostanzi reat imsemmi twettaq f'sit wiehed elenkat fis-subregolament li jmiss, minhabba l-importanza storika u ambjentali tas-sit u dan bi ksur ta' L.S. 549.40 Reg 12(1).

6. Fl-istess cirkostanzi aggravanti imsemmija fis-subregolament ta' qabel ghandhom x'jaqsmu mat-tnehhija, it-tixrid jew ir-rimi ta' zibel, hwejjeg mormija, skart jew swill kien fil-vicinanza immedjata ta' jew gewwa, zona protetta taht l-Att Rizerva Naturali, Park ta' Patrimonju, Park Nazzjonali, gnien pubbliku jew playing field u dan bi ksur ta' L.S. 549.40 Reg 12 (2)(c)

7. Waqt li kien fl-istess cirkostanzi qata' flora bl-isem ta' Mediterranean Thyme (Saghtar) u dan bi ksur ta' Reg 26 hekk hawn imnizzla fi Skeda III ta' L.S. 549.44.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet is-sosttomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi jibda biex jingħad li mill-provi mressqa l-identita' tal-qua imputat tirriżulta pruvata mill-filmat esebit minn Appelgren flimkien mal-affidavit ta' Transport. Fil-fatt mill-filmat esebit jirrizulta li l-imputat kien qed juża l-

vettura DCL 226 filwaqt li mill-affidavit ta' Transport Malta jirrizulta li din il-vettura hija rreġistrata f'isem il-qua imputat.

Illi mill-filmati esebiti jidher li waqt il-qua imputat kien fil-viċinanżi tal-BBQ huwa ġie osservat jarmi xi affarijiet mal-art. Fit-tieni filmat li nġibed fil-5 ta' Marzu 2023, l-imputat ġie osservat jarmi diversi oġġetti. Għaldaqstant huwa ser jinstab ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrieh.

Illi madanakollu, l-qua imputat ser jiġi illiberat mit-tielet, mir-raba', mill-ħames imputazzjoni u mis-sitt imputazzjoni miġjuba kontrieh, ġaladarba ma tressqet l-ebda prova konkreta li dak li rema' huwa skedat a tenur tat-tieni skeda tal-LS 549.40 tal-Liġijiet ta' Malta jew altrimenti stipulat fir-regolament 5 tal-istess Avviz Legali. Lanqas ma tressqe prova li dak li ntrema ġie mormi ġo sit indikat f'LS549.40 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu għall-aħħar imputazzjoni jingħad li għalkemm mill-filmat esebit jidher li l-imputat, f'mument minnhom, qed jaqta' xi flora. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax pruvat jekk dik il-flora kinitx sagħtar. Għaldaqstant il-qua imputat ser jiġi illiberat mis-seba' imputazzjoni miġjuba kontrieh.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u r-regolamenti 4 u 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-qua imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta u sebgħa filwaqt li qed issibu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrieh. Konsegwentament qed tikkundanah għall-ammenda ta' mitejn u ħamsin Ewro (Eur. 250).

**Magistrat Dr. Elaine Rizzo**

Christine Farrugia
**Deputat Registratur**